# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 15 ta' Mejju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**vs**
**Mark Mansueto**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Mansueto, u detentur tal-karta tal-identita' 596377M.

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Mejju 2018 bejn it-tmienja ta' filghodu u d-disgha ta' filghodu (08:00Hrs - 09:00Hrs) gewwa Triq l-Argotti, Floriana u f'dawn il-Gzejjer:

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lill Isabella Mansueto, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza' u dan bi ksur ta' l-artiklu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, mingħajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Isabella Mansueto f'periklu car, kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Isabella Mansueto, hekk kif iccertifikat Dr. Lara A. Micallef M.D. detentura ta' numru tar-registru mediku 3695 gewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja,

Floriana, u dan bi ksur tal-artiklu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kif ukoll talli fl istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Isabella Mansueto injurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodici anke jekk kien ipprovokat, injurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artiklu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Isabella Mansueto, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u l-koperazzjoni mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 221, 222(1)(a), 251B, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbgha (4) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikoli 382A u 412C ta'l-istess Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Isabella Mansueto qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-iputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**